MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 78/2010

**Kaptan Mario Grech**

**Vs**

**Gozo Channel Company Limited**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur kien qieghed jikkontesta l-mod kif kienu ser isiru proceduri ta’ dixxiplina. L-attur hu mpjegat mas-socjeta konvenuta fil-kariga ta’ senior master. L-attur jallega li kif kien ser ikun kompost il-Bord ta’ Dixxiplina ma kienx ser jigi garantit lilu process gust u imparzjali. Ghalhekk talab lill-qorti sabiex tiddikjara li l-Bord ta’ Dixxiplina imwaqqaf mis-socjeta konvenuta ma kienx imparzjali u li kien japplika l-principju ta’ nemo judex in causa propria, u dan peress li wiehed mill-membri kien fil-bord tad-diretturi tal-kumpannija u iehor kien ufficjal gholi fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi li taht id-dekasteru tieghu taqa’ l-kumpannija konvenuta.

Din il-kawza kienet preceduta minn rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet **Kaptan Mario Grech vs Gozo Channel Company Limited** (numru 44/2010) li gie degretat fl-10 ta' Settembru 2010[1], u li kellu ezitu favorevoli ghall-attur. F'dak l-istadju l-attur kien marbut bit-terminu legali sabiex iressaq il-kawza ghall-jedd pretiz. Haga li ghamel fit-28 ta' Settembru 2010.

Da parti tas-socjeta konvenuta ghazlet li ma tipprezentax risposta guramentata u minflok permezz ta' nota prezentata fl-20 ta' Ottubru 2010 (fol. 14) iddikjarat:

*"Li permezz tal-istess jindikaw b'kull rispett illi fil-fehma taghhom u inutli li jitkompla dan il-kaz stante illi wara l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi f'laqgha li sehhet fit-8 ta' Ottubru 2010 gie approvat illi l-kaz dixxiplinarju tar-rikorrent jigi pprocessat skond kif hemm indikat fl-ittra annessa Dok. A li ga ntbaghtet lill-istess rikorrrent."*.

Fl-ittra (fol. 15) jinghad li l-membri tal-Bord ta' Dixxiplina kienu ser ikunu l-Avuakt Dr Richard Galea Debono bhala chairman, Edwin Mamo bhala membru u persuna ohra li kellha tigi maghzula mill-attur fi zmien gimgha.

Fil-fatt jirrizulta li wara d-digriet li nghata fl-10 ta' Settembru 2010 is-socjeta konvenuta bidlet il-posizzjoni taghha fis-sens li accettat il-fehma li kienet esprimiet il-qorti.

Permezz ta' nota prezentata llum l-attur irrinunzja ghat-talbiet fil-meritu izda rrizerva l-kap tal-ispejjez.

Il-qorti m'ghandix dubju li l-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta konvenuta in kwantu kien l-agir taghha li ta lok ghal dawn il-proceduri. Inoltre, ma nghatat l-ebda raguni li tista' twassal lil din il-qorti biex tvarja l-fehma li esprimiet fid-digriet tal-10 ta' Settembru 2010.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

---

[1] Il-qorti kienet presjeduta mill-istess Magistrat.

**1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-attur meqjus in-nota li pprezenta waqt is-seduta tal-lum.**

**2. Tikkudanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ispejjez relatati ma' din il-kawza, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------